**31 ta' Jannar, 1959**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Catherine Farrugia et.

**Serq — "Animus Lucrandi" — Soprassessjoni — Ċitazzjoni — Nullità.**

*Għalkemm jista' jkun hemm każi quddiem il-Qorti Kriminali li fihom ikun xieraq u ġust li l-ġudikant fis-sede penali jistenna l-pronunċjament tal-Qorti Ċivili dwar xi kwistjoni sollevata fil-proċeduri kriminali, ir-regola hija illi s-soprassessjoni tal-proċeduri kriminali ma għandhiex tiġi konċessa faċilment u leġġerment. Għaliex l-ordni publiku jeżiġi li jiġi ristabbilit bit-tmien ta' dawk il-proċeduri, u tmiem solleċitu.*

*Għaldaqstant, f'każ ta' serq ta' prodotti agrikoli allegat li sar mill-imputat minn għalqa li tinsab mikrija għand ħadd ieħor, jekk l-imputat jallega li hu ma kkommettiex dak is-serq għax il-lokazzjoni magħmula favur dak l-ieħor hija nulla, u illi huwa għandu kawża pendenti fil-Qorti Ċivili kontra dak l-ieħor biex jiġi dikjarat u deċiż li dik il-lokazzjoni hija nulla, imma fl-istess ħin ġa kien hemm ġudikati oħra li ddeċedew illi l-imputat ma għandu ebda dritt fuq*

*l-għalqa fil-kwistjoni, ma hemmx lok li tiġi akkolta t-talba tal-imputat għas-soprassessjoni tal-kawża kriminali magħmula kontra tiegħu sakemm tinqata' l-kawża ċivili minnu magħmula għan-nullità tal-lokazzjoni.*

*Jekk l-imputat jidhirlu li għandu jeżerċita xi dritt ieħor, huwa għandu jirrispetta dawk il-ġudikati, salvo li hu jirregola ruħu xort'oħra jekk il-quddiem ikun hemm deċiżjoni diversa minn Qorti kompetenti; u għalhekk, biex tiġi deċiża l-meritu tal-imputazzjoni ta' serq dedotta kontra l-imputat ma hemmx bżonn li tiġi qabel definita l-kwistjoni tal-validità jew le ta' dik il-lokazzjoni.*

*Fid-delitt ta' serq hu meħtieġ l-"animus lucrandi", u hemm bżonn li l-ħaġa misruqa jkollha xi valur, anki minimu, basta li jkun hemm xi valur; barra minn dan, il-lukru jista' jik-konsisti anki fi kwalunkwe dgawdija, pjaċir jew sodisfaz-zjon, li min jisraq jipprokura lilu nnifsu bil-ħaġa misruqa.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Catherine Farrugia, Gerolamo Farrugia u Joseph Farrugia, ta'li f'Wied-il-Għajn, fit-30 ta' Ġunju 1958, f'xi s-6 p.m., daħlu fil-għalqa ta' Salvu Cassar, li qegħdha "Ta' l-Iskarpell", limiti ta' Wied-il-Għajn, u għamlu serq ta' widna li tiswa £2.15.0;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-3 ta' Ottubru 1958, li biha ddeċidiet billi sabet lill-imputati ħatjin tar-reat im-semmi fiċ-ċitazzjoni, u kkundannat lil kull wieħed u waħda minnhom għall-ammenda ta' £4; wara li kkunsidrat;

Illi d-difensur tal-imputat rrileva li quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina hemm pendenti kawża fl-ismijiet "Catherine Farrugia et. vs. Alfred Delia ne.", li biha qegħdha tiġi mitluba d-dikjaraz-zjoni ta' nullità tal-lokazzjoni tal-għalqa "Ta' l-Iskarpell" favur Salvu Cassar;

Illi b'sentenza tal-15 ta' Jannar 1957, mogħtija mill-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) fil-kawża "Salvatore Cas-

sar vs. Caterina u Gerolamo miżżewġin Farrugia", ġie ritenut li l-imputat Gerolamo Farrugia kien tilef kull dritt ta' lokazzjoni u ta' detenzjoni, u sar okkupant bla titolu, u l-imsemmija miżżewġin Farrugia ġew kundannati jiżgumbraw mill-għelieqi u rziezet "ta' l-Iskarpell";

Illi b'sentenza oħra mogħtija mill-istess Prim'Awla Ċivili fl-20 ta' Novembru 1957, ġie deċiż li mill-21 ta' Awissu 1957, ċjoè minn mindu saret il-lokazzjoni favur Salvu Cassar, l-imsemmi Gerolamo Farrugia lanqas kellu pussess tutelabbli, għalkemm seta' kellu qabel dik id-data;

Illi verosimilment kien dan l-aħħar ġudikat li nduċa lil Gerolamo u Caterina Farrugia biex jintentaw proċeduri ġodda intiżi sabiex iwaqqgħu dik l-istess lokazzjoni favur Salvu Cassar;

Illi, kif deher fit-trattazzjoni tal-kawża, id-difiża tissottometti li r-riljev fuq espost għandu jġib għas-soprassessjoni sakemm jiġu definiti l-proċeduri li għadhom pendenti quddiem it-tribunal ċivili. Iżda, għalkemm jista' jkun hemm każi quddiem il-Qrati Kriminali li fihom ikun xieraq u ġust li l-ġudikant f'sedi penali jistenna l-pronunċjament tal-Qorti Ċivili, ir-regola hija li s-soprassessjoni tal-proċeduri kriminali ma għandhiex tiġi konċessa faċilment u leġġerment, għaliex l-ordni publiku jeżiġi li jkun ristabbilit bit-tmiem. ta' dawn il-proċeduri, u bit-tmiem sollecitu (Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Carmelo Herbert", 30.4.1938, Vol. XXX-IV-550);

Illi l-imputazzjoni preżenti hi ta' serq, u kwindi evidentement waħda li taffetta l-ordni publiku; tant li l-leġislatur inkluda dan ir-reat taħt ir-rubrika "Fuq id-Delitti kontra l-Proprjetà u s-Sikurezza Publika";

Illi, kif intqal, kontra l-miżżewġin Farrugia sal-lum diġà hemm żewġ ġudikati tal-Qorti Ċivili, u għalhekk, "rebus sic stantibus", dawn ma jistgħu jakkampaw ebda dritt fuq l-għalqa "de qua'. Hu għalhekk dmir tagħhom li, jekk jidhrilhom li jridu jeżerċitaw xi dritt ieħor, josservaw għal issa dawk il-ġudikati, li rrikonoxxew bħala in-

kwilin tal-istess għalqa lil Salvu Cassar, salv li jirregolaw ruħhom *xort'oħra* jekk il-quddiem ikun hemm deċiżjoni diversa mill-Qorti kompetenti. Infatti, kien ikun estremament inġust, u anki assurd, li, nonostante dawk il-ġudikati favur tiegħu, lil Salvu Cassar ikunu jistgħu jiġu mpunement vjolati drittijiet li għalihom il-lum huwa leġittimament intitolat;

Illi għalhekk, biex jiġi trattat u deċiż il-meritu ta' din il-kawża, ma hemmx bżonn li tiġi qabel definita l-kwistjoni tal-validità jew le tal-lokazzjoni magħmula lil Salvu Cassar;

Illi mix-xhieda mismugħa jirriżulta assodat li t-tliet imputati ikkommettew ir-reat dedott kontra tagħhom; u l-imputata Catherine Farrugia, mistoqsija dwar il-każ minn P.S. 528 John Galea, weġbitu "Hemm tagħna; dħalna u nidħlu". Din ir-risposta turi, kif qalet il-Qorti Kriminali (sede appell) fil-kawża kontra l-istess imputata deċiża fid-29 ta' Marzu 1958, li hija "tippretendi li għandha l-jedd li tagħmel dak li għamlet, tant li tgħid sal-lum, non ostanti *ż-żewġ ġudikati, li din hi kwistjoni ċivili*";

Illi l-istess Salvu Cassar xehed li l-widna in kwistjoni kienet ġiet miżrugħa mill-imputata Catherine Farrugia. Mill-provi ma rriżultax meta dan sar; iżda huwa żgur li, meta qalgħet dan il-prodott kien hemm diġà iż-żewġ sentenzi ċivili fuq riferiti. Għalhekk, il-fatt a bażi tal-imputazzjoni ġara meta Gerolamo Farrugia kien diġà ġie dikjarat li ma kellu ebda jded fuq l-għalqa "de qua". Issa, il-liġi tiddisponi espressament li dak kollu li jingħaqad jew li *jsir biċċa waħda minn ħaġa, anki bix-xogħol tal-bniedem*, isir proprjetà ta' sid dik il-ħaġa, u l-imputati, kwindi, meta ħadu l-wiċċ tal-għalqa, ħadu ħaġa li ma kienetx tappartjeni lilhom, salva l-azzjoni tal-kumpens, "si et quatenus";

Illi, biex ikun hemm l-"animus lucrandi", li hu meħtieġ għad-delitt ta' serq, hemm bżonn li l-ħaġa misruqa jkollha xi valur, anki minimu, basta li jkun hemm xi valur; u barra minn dan, il-lukru jista' jikkonsisti anki fi kwalunkwe dgawdija, pjaċir jew sodisfazzjon, li min jisraq jip-

prokura lilu nnifsu bil-ħaġa misruqa (Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. James Chetcuti", 3.4.1943, Vol. XXXI-IV-500). Huwa evidenti li l-widna li ħadu l-imputati, u li skond ix-xhud Salvu Cassar tiswa £2.15.0, serviet għalihom ta' xi vantaġġ; u kwindi dan ir-rekwiżit tar-reat ta' serq jirrikorri wkoll;

Illi fil-fehma tal-Qorti ċ-ċirkustanzi li taħthom ġie kommess ir-reat u l-kontinġenzi speċjali u partikulari tiegħu, li ġew ampjament żvolti qabel, jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-art. 23A. tal-Kodiċi Kriminali, li bis-saħħa tiegħu l-piena tista' tiġi ridotta għal taħt il-minimum preskritt;

Rat ir-rikors li bih l-imputati appellaw mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talbu li tiġi revokata u li huma jiġu assolti;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Dwar l-ewwel preġudizzjali, tan-nullità taċ-ċitazzjoni;

Fil-kopja notifikata lill-imputati Gerolamo u Caterina Farrugia ġiet ommessa l-indikazzjoni tas-sena 1958, u ngħad biss "30 ta' Gunju". Għalkemm hu ferm deżiderabbli li l-kopji jinħarġu fidili għall-oriġinal, biex jiġu evitati dilazzjonijiet dannużi għall-amministrazzjoni spedita tal-ġustizzja, eppure eċċezzjoni simili kien imissha ngħatat quddiem l-Ewwel Qorti, u, trattandosi ta' proċedura sommarja b'ċitazzjoni, kien ikun hemm lok għall-ħruġ ta' kopja korretta u notifika ġdida; għax jekk hu paċifiku, kif inhu, li tista' tiġi korretta ċ-ċitazzjoni oriġinali, tant aktar tista' tiġi korretta l-kopja u notifikata mill-ġdid;

Għalhekk dan ma hux l-istadju li fih tista' tiġi elevata dik l-eċċezzjoni, meta l-imputati ġa għamlu d-difiża tagħhom fil-Qorti ta' Isfel, malgrado l-ommissjoni tal-annu fiċ-ċitazzjoni lilhom notifikata. Del resto, ebda preġudizzju

ma sofrew; għalliex mill-provi jidher ċar għal liema sena kienet tirriferixxi l-imputazzjoni;

Dwar it-tieni eċċezzjoni, tas-soprassessjoni;

Is-soprassessjoni hi ta' natura eċċezzjonali. Din il-Qorti, partikolarment in vista taż-żewġ ġudikati ġa reżi mit-tribunali ċivili fuq il-kwistjoni tal-lokazzjoni ta' dan ir-raba', għandha elementi bastevoli biex tiddeċidi dwar l-imputazzjoni (ara konsiderazzjonijiet dwar pont analogu fl-Appell "Pulizija vs. Micallef Stafrace", 8 ta' Jannar 1959); u għalhekk ma tirrikorrix "una necessità giuridica imprescindibile" li tiġi ordnata s-sospensjoni tal-ġudizzju kriminali;

Fil-meritu;

Mix-xhieda mhux kontradetta ta' Salvatore Cassar jirriżulta li daħlu t-tliet imputati fl-għalqa detenuta minn dan Cassar u ħadulu widna;

Jekk dan seta' jsir b'animu ta "raġion fattasi" qabel iż-żewġ ġudikati ċivili riferiti fis-sentenza appellata (u għal-hekk kienet f'dak is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti fol. 8), dan l-animu għandu jiġi eskluż wara dawk il-ġudikati, u jidħol minflok l-animu ta' serq;

Ma tirriżultax ebda raġuni valida fill-liġi biex, ġa ladarba l-Prosekuzzjoni opponiet ruħha, jiġu mismugħa f'din l-istanza provi li ma nstemgħux fl-ewwel istanza;

Għalhekk, prevju r-riġett ta' dawk il-provi, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-senten-za appellata; u in vista tat-temerarjetà tal-appell, wara li rat. 441(2) Kap. 12, tikkundanna lil kull wieħed mill-im-putati, minbarra l-multa ġa lilhom inflitta, għall-ammenda ta' £1 kull wieħed minnhom.